2) *Fil-Kawża T-86/14, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 93/2013, tal-1 ta' Frar 2013, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur, fir-rigward tal-iffissar ta' indiċijiet tal-prezzijiet tal-abitazzjonijiet okkupati mis-sidien, huwa annullat.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.*

---

([1]) ĠU C 189, 29.6.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2015 – VECCO *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-360/13)** ([1])

***("REACH — Inklużjoni tat-triossidu tal-kromju fil-lista ta' sustanzi sottomessi għal awtorizzazzjoni — Użi jew kategoriji ta' użi eżenti mir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni — Kunċett ta' 'leġiżlazzjoni speċifika Komunitarja eżistenti li timponi rekwiżiti minimi dwar il-protezzjoni tas-saħħa jew ta' l-ambjent għall-użu ta' sustanza' — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Proporzjonalità — Drittijiet tad-difiża — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba")***

(2015/C 389/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Verein zur Wahrung von Einsatz und Nutzung von Chromtrioxid und anderen Chrom-VI-verbindungen in der Oberflächentechnik eV (VECCO) (Memmingen, il-Ġermanja) u l-185 rikorrent ieħor li isimhom jinsab fl-anness tas-sentenza (rappreżentanti: C. Mereu, K. Van Maldegem, avukati u J. Beck, solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Talabér-Ritz et J. Tomkin, aġenti)

*Partijiet konvenuti insostenn tar-rikorrenti:* Assogalvanica (Padova, l-Italja) u l-31 intervenjent ieħor li isimhom jinsab fl-anness tas-sentenza (rappreżentanti: C. Mereu, K. Van Maldegem, avukati u J. Beck, solicitor)

*Parti konvenuta insostenn tal-konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: W. Broere, M. Heikkilä u T. Zbihlej, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 348/2013, tas-17 ta' April 2013, li jemenda l-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi ("REACH") (ĠU L 108, p. 1).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Verein zur Wahrung von Einsatz und Nutzung von Chromtrioxid und anderen Chrom-VI-Verbindungen in der Oberflächentechnik eV (VECCO) u r-rikorrenti li isimhom jinsab fl-Anness I għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

3) *Assogalvanica u l-intervenjenti l-oħra li isimhom jinsab fl-Anness II għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

4) *L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

(1) ĠU C 260, 7.9.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2015 – Mocek u Wenta KAJMAN Firma Handlowo-Usługowo-Produkcyjna vs UASI – Lacoste (KAJMAN)**

**(Kawża T-364/13)** (1)

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva KAJMAN — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti li tirrappreżenta kukkudrill — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Talbiet għal annullament u għal bidla magħmula mill-intervenjent — Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991”]***

(2015/C 389/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Eugenia Mocek u Jadwiga Wenta KAJMAN Firma Handlowo-Usługowo-Produkcyjna (Chojnice, il-Polonja) (rappreżentanti: K. Grala u B. Szczepaniak, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment P. Geroulakos, sussegwentement D. Gája, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Lacoste SA (Pariġi, Franza) (rappreżentant: P. Gaultier, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' Mejju 2013 (Każ R 2466/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn, minn naħa, Lacoste SA u, min-naħa l-oħra, Eugenia Mocek u Jadwiga Wenta KAJMAN Firma Handlowo-Usługowo-Produkcyjna.